MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 187/2006/1

**Saviour Muscat**

**vs**

**Sam Pantalleresco**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat it-3 ta' Lulju tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (LM500), prezz ta' *speed painters* li

l-istess attur xtara minghandu, liema *speed painters* kienu difettuzi u mhux tal-kwalita` pattwita;

2. Illi jhallas ukoll lir-rikorrent id-danni sofferti minnu, konsistenti f’telf ta’ qliegh mill-bejgh tal-imsemmija *speed painters*, liema danni ghandhom jigu likwidati minn din il-qorti;

3. Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-imsemmija *speed painters* lill-attur u bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

4. Illi ghal kull buon fini qed jigi dikjarat illi d-danni msemmija ma jeccedux l-elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500.00,0) u dan skond ma jirrizulta ahjar mill-anness dokument immarkat bhala Dok A;

5. Illi in oltre, l-attur iddepozita l-imsemmija *speed painters* ma’ George Pace li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 877044(M);

Rat ir-risposta datata l-10 t’Ottubru tas-sena 2006, kif sussegwentement korretta, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illli preliminarjament id-dekadenza ta’ l-azzjoni b’gheluq sitt xhur mid-data tal-bejgh ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kap 16;

2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikorrent xtara minghand l-intimat konsenja fl-istat li kien minghajr garanzija jew pattijiet dwar kwalita` stante illi r-rikorrent kien jaf li qed jixtri affarijiet li kienu ilhom ghand l-intimat li ma kienx f’posizzjoni jaghti assigurazzjonijiet dwar il-kwalita` jew stat tal-konsenja;

3. Illi minghajr pregudizzju, l-azzjoni ghad-danni sofferti ma tistax tirnexxi stante illi l-

konvenut bl-ebda mod ma kien jaf l-istat ta' l-affarijiet mibjughin (Artikolu 1429(2) tal-Kap.16);

4. Illi minghajr pregudizzju, id-danni pretizi huma altru milli ezagerati u, in kwantu ghall-prezz, ir-rikorrent irid igib prova ta' l-istess;

5. Illi minghajr pregudizzju, l-intimat m'ghandux isofri spejjez anke jekk l-azzjoni tirnexxi stante illi r-rikorrent mexa intempestivament u minghajr ma interpella formalment lill-intimat biex jirrimedja l-posizzjoni, liema rimedju kien maghruf lir-rikorrent peress illi l-intimat informalment kien indikalu illi hu (l-intimat) seta' jaghti lir-rikorrenti l-isem tas-*supplier* biex ir-rikorrent ikun jista' jottjeni *replacement parts* biex l-affarijiet *de quo* jiffunzjonaw sew;

6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrent jiggestixxi hanut tat-tip "*ironmongery*" gewwa Pembroke;

2. Illi f'inkontru li l-partijiet kellhom iddiskutew negozju bejniethom fejn l-intimat kien lest ibiegh lir-rikorrent kwantita` ta' "*speed-painters*", ghalkemm jidher li ghall-ewwel ir-rikorrent kien lest jixtri biss tuzzana minn dawn l-attrezzi, peress li ma kellux bzonn jixtri kwantita` kbira;

3. Illi jidher li t-trattattivi baqghu sejrin fit-tul u meta fl-ahhar jirrizulta li kkonkludew il-

ftehim, l-intimat ghadda kwantita` ta’ dawn l-attrezzi lir-rikorrent ghall-prezz ta’ hames mija u hamsin Lira Maltin (LM550.00,0);

4. Illi in effetti l-oggetti mixtrija u konsenjati kienu s-segwenti:

1. mitejn u tnejn u sebghin (272) sponoz li meta jispicca l-uzu taghhom kienu jistghu jigi sostitwiti;

2. tlett mija u erbatax (314)-il sett komplut ta’ “*speed-painter*”, ilkoll issiggillati, konsistenti f’zewg kontenituri fejn titpogga z-zebgha u erbgha (4) tipi ta’ “*flouts”*, wiehed izghar mill-iehor;

5. Illi r-rikorrent isostni li tul it-trattattivi fuq riferiti l-intimat kien jinfurmah li meta jbiegh dawn l-“*ispeed painters”* ma kellux ibieghhom bi prezz ta’ anqas minn ghaxar Liri Maltin, (LM10.00,0), (ara affidavit fol 15, paragrafu numru 6);

6. Illi nonostante din ir-rakkomandazzjoni, ir-rikorrent kien iddecieda li jbiegh dawn l-attrezzi bil-prezz ta’ hames Liri Maltin u hamsin centezmu (LM5.50,0), il-wiehed;

7. Illi pero’ jirrizulta li meta r-rikorrent biegh l-ewwel sett il-persuna li xtratu rritorna wara kwarta u nforma lir-rikorrent li dan is-sett kien ta’ kwalita` ferm hazina tant li meta beda juzah inkiser kollox u ghalhekk talab flusu lura;

8. Illi wara li r-rikorrent kien informa lill-intimat b’dak li kien gara, l-intimat ghamel ta’ bir-ruhu li kien sorpriz u ppreciptia lejn il-hanut tar-rikorrent biex jara x’gara;

9. Illi meta f’laqgha ohra sussegwenti bejn il-partijiet meta din id-darba bdew jezaminaw kull kaxxa ta’ l-*“ispeed painter”* individwalment,

instab li l-isponza ta' kull sett mibjugh u kkonsenjat mill-intimat lir-rikorrent mhux biss kienet difettuza – izda kienet immermra;

10. Illi r-rikorrent isostni li l-intimat kien qallu li dan seta' gara ghaliex l-*"ispeed-painters"* kienu mizmumin fl-umdita` ghand l-istess intimat – ghalkemm kien jidher li kienu mizmumin tajjeb ghand ir-rikorrent, - u li ghalhekk l-intimat kien ser jiehu lura l-konsenja kollha u li minhabba f'hekk kien ser itellfu hamsin Lira Maltin (LM50.00,0) mill-prezz pattwit, (ara fol 16, paragrafu 9), u dan, ghax-xoghol involut;

11. Illi ghalkemm jidher li r-rikorrent ma kienx qabel ma l-enforzar ta' din il-penali unilaterali indikata fil-paragrafu precedenti, pero' jirrizulta li l-intimat naqas jigbor il-konsenja de quo;

12. Illi ghalkemm l-intimat kien jassigura lir-rikorrent – meta dan ta' l-ahhar kien icempel lill-intimat – li kien ser jigbor il-materjal konsenjat, dan qatt ma avvera ruhu;

13. Illi biex jipprova jsalva s-sitwazzjoni jirrizulta li l-intimat kien ukoll ippropona li jbiddel l-isponoz ta` kull sett u ta' dan talab zewg Liri Maltin u disghin centezmu (LM2,90.0) ta' kull sponza, proposta li ma gietx accettata;

14. Illi sussegwentement l-intimat kien ippropona mill-gdid li jissostitwixxi r-*"refills"* tas-settijiet, u ghalkemm din il-proposta kienet accettata mir-rikorrent, din il-proposta qatt ma giet konkretizzata u rrizultat biss li kienet mossa dilatorja ta' l-intimat;

15. Illi meta ma sar l-ebda progress fid-direzzjoni mifthema, ir-rikorrent kien kostrett jirrikorri ghall-ghajnuna legali;

16. Illi skond il-kalkoli tar-rikorrent isostni li bin-negozju in dizamina kien ser jaghmel qliegh ta’ elf erba’ mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u sebghin centezmu (LM1,426.70,0), u li ghalhekk dan in-negozju tellfu komplessivament l-ammont ta’ elf disa’ mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM1,926.70,0), meta wiehed jinkludi l-ammont ta’ hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0) li nefaq biex xtara l-oggetti meritu tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-*accountant* tar-rikorrent l-ammont globali involut ivarja xi ftit, u peress li l-ammont globali kif spjegat mill-*accountant* jirrizulta aktar preciz u affidabbli, qed tistrieh fuq ix-xhieda ta’ l-istess *accountant* u ghalhekk tiddikjara li l-ammont globali pretiz mir-rikorrent hu ta’ elf disa’ mija u erba’ u erbghin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu, (LM1,944.39,0), (ara fol 24 u 26-27);

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni ta’ l-intimat tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat kien ikkuntattjat diversi drabi mir-rikorrent biex ibieghlu l-prodott meritu ta’ din il-procedura;

2. Illi ghalkemm ghall-ewwel l-intimat jidher li ma kienx interessat li jikkonkludi negozju mar-rikorrent, fl-ahhar biddel fehemtu ghaliex kellu bzonn l-ispazju fil-mahzen tieghu u ppropona lir-rikorrent li jekk jiehu “kollox f’daqqa” kien dispost jinnegozja;

3. Illi wara trattattivi bejn il-partijiet fuq il-prezz – fejn l-intimat isostni li rriducieh hafna – il-partijiet lahqu ftehim;

4. Illi l-intimat isostni li l-merkanzija konsenjata kienet tinkludi mijiet ta' *"items"*, pero` fid-deposizzjoni guramentata tieghu ddikjara li *"jaccetta l-ammont illi jigi ndikat mill-istess rikorrent"*, (ara fol 30);

5. Illi wara li r-rikorrent kien ircieva l-konsenja tal-oggetti meritu ta' din il-procedura, jirrizulta li lmenta ma' l-intimat li l-"*pads* ma kienux tajbin", (ara fol 30);

6. Illi l-intimat irrifjuta din l-allegazzjoni u nforma lir-rikorrent li hu ma kienx xtara "*pads"* izda l-apparat shih, (ara wkoll fol 30);

7. Illi l-intimat kien lest li jordna "*pads"* sostituttivi "*cost price"* u jekk ir-rikorrent ried seta` jinnegozja ghal dawn il-*"pads"* direttament mas-socjeta` estera fejn l-intimat jidher li kien ukoll lest li jaghtih id-dettalji ta' din il-kumpanija;

8. Illi din l-offerta giet rifjutata mir-rikorrent;

9. Illi l-intimat jikkonferma li l-prodotti mibjugha lir-rikorrent kienu ilhom fl-imhazen ta' l-intimat diversi snin, (ara fol 30);

10. Illi r-rikorrent ma spezzjonax il-prodotti li xtara qabel ma kkonkluda l-ftehim de quo, u kien biss mal-konsenja, u allura wara l-konkretizzazzjoni tal-kuntratt, li hu ra l-prodott in dizamina;

11. Illi l-intimat isostni li l-ftehim pattwit bejn il-partijiet kien li n-negozju sar bil-konidzzjoni "*tale quale";*

12. Illi l-intimat isostni li la qatt ma nforma lir-rikorrent li kien lest jaghtih il-flus lura u lanqas li kien lest li jirriprendi l-oggetti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tar-riassunt fattwali fuq kompilat, id-difiza legali sollevata mill-intimat hi ppernjata sintetikament fuq is-segwenti:

i. il-preskrizzjoni ta' sitt (6) xhur ai termini ta' l-artikolu 1431 (1) tal-Kap 16;

ii. Il-limiti tad-doveri tal-bejjiegh meta ma jkunx jaf bid-difett tal-haga mibjugha, u dan ai termini ta' l-artikolu 1429 (2) tal-Kap 16;

iii. Illi r-rikorrent xtara minghajr garanzija jew pattijiet dwar kwalita`;

iv. Illi d-danni rikjamati huma ezagerati;

v. L-intempestivita` ta' l-azzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni fuq sollevata ma jirrizultax li l-intimat ipprova din l-ewwel eccezzjoni tieghu – tenut kont tal-fatt li min jallega jrid jipprova u dan ghaliex:

i. Ma jirrizultax li l-intimat ressaq prova konklussiva ta' dak minnu allegat;

ii. Illi l-lanjanza tar-rikorrent tirrizulta li kienet immedjata ma' l-iskoperta li l-oggetti ikkonsenjati kienu mmermrin u mhux tajbin aktar ghall-uzu li kienu giew ipprogettati ghalih;

iii. Illi ghalhekk it-terminu ta' sitt (6) xhur indikat fl-artikolu indikat mill-intimat ma bediex jiddekorri;

iv. Illi ghaldaqstant din l-ewwel risposta qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tieni difiza hawn elenkata ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi l-intimat jidher li hu bniedem ta' esperjenza fil-qasam tan-negozju minnu preferut u jidher li jaf ezatt x'komportament bejjiegh ghandu jadotta meta verament irid ibeigh xi oggett li jkun ta' ntralc ghalih;

ii. Illi effettivament jirrizulta li l-oggetti meritu ta' din il-procedura kienu qed jokkupawlu inutilment spazju fil-mahzen tieghu u li meta deher ir-rikorrent fl-orizzont dan ipprezenta opportunita` gjotta li l-intimat ma' setax jitlef;

iii. Illi ghalhekk, ghalkemm forsi heles mill-oggetti bi prezz ta' stralc iggwadanja spazju prezzjuz fil-mahzen tieghu li allura issa seta' jutilizzah ahjar;

iv. Illi in effetti jirrizulta li dawn il-prodotti kienu ilhom fil-mahzen tal-intimata snin shah fejn apparti li kienu qed jokkkupaw spazju inutilment, kienu wkoll ilhom jitmermru u allura l-persistenza li jibqa' jimmaganizzahom kienet anti-ekonomika;

v. Illi ghalhekk, tenut kont tal-kwantita` kbira ta' snin li fihom kienu mahzuna dawn l-oggetti, anke l-esperjenza biss kienet turi li l-oggetti kienu skadew, u din il-qorti ma tista tavalla allura t-tezi ta' l-intimat li ma setax ikun jaf bl-istat dizastruz li dawn l-oggetti kienu spiccaw fih;

vi. Illi allura qed tirrespingi wkoll din it-tieni eccezzjoni hawn elenkata;

Ikkunsidrat:

Illi rigward in-nuqqas ta' garanzija jew pattijiet ta' kwalita` sollevata mill-intimat jinghad is-segwenti:

i. Illi bejjiegh hu obbligat li jinnegozja in buona fede;

ii. Illi n-nuqqas ta' avall ta' dan il-principju jgib dizordni eromi fid-dinja kummercjali fejn il-konsegwenzi li jirrizultaw ikollhom effett negattiv fuq l-ekonomija b'detriment ghall-konvivenza socjali;

iii. Illi qorti qatt m'ghandha tavalla agir meskin u ghandha dejjem tishaq fuq il-buona fede fin-negozju;

iv. Illi r-rizultanzi fuq elenkati juri li dan il-principju ma tantx kien assodat ghaliex negozjant normali ghandu jasal biex wahdu jinduna li certi prodotti ma jifilhux magazzinagg fl-umdita` ghal snin twal;

v. Illi fic-cirkostanzi l-fatti juru li qed jigi sfjorat il-frodi;

vi. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni qed tigi wkoll respinta;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward l-allegazzjoni tar-rikjam ezagerat tad-danni sollevati mir-rikorrent ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi l-*accountant* tar-rikorrent juri bic-car li dan mhux minnu;

ii. Illi r-rikjam tar-rikorrent jirrigwarda kemm id-"*dannum emergens*" kif ukoll il-"*lucrum cessans*", u huma abbilment spjegati mill-*accountant* fuq indikat ghas-sodisfazzjon ta' din il-qorti;

iii. Illi ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi wkoll respinta;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-allegazzjoni ta’ l-intempestivita` ta’ l-azzjoni ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi din l-allegazzjoni ta’ l-intimat qed tistrieh fuq l-istedina ta’ l-intimat li hu jaghti d-dettalji tal-fabbrika jew kumpanija in dizamina biex b’hekk ir-rikorrent ikun jista’ jidhol fi trattattivi direttament maghha biex isolvi l-prolema li, wara kollox, halaqlu l-istess intimat;

ii. Illi hawnhekk issa, l-intimat qed jippretendi zzejjed ghaliex hu kien jaf li kien qed jikkonsenja materjal li kien ilu immagazzinat is-snin twal u di piu`, fl-umdita`;

iii. Illi in oltre il-prodott in dizamina jirrizulta li hu wiehed kompozitu, senjatament konsistenti f’diversi oggetti li maghqudin flimkien, ikunu jippermettu lill-utent juzah ghall-iskop predestinat;

iv. Illi di piu`, kull prodott hekk kompost hu mmagazzinat f’kaxxa tal-kartun appozita u sigillata b’ “*celofane”* trasparenti;

v. Illi kieku ghall-grazzja ta’ l-argument it-talba ta’ l-intimat kellha tintlaqa` kien ikollha l-konsegwenza li tharbat il-pakkett fejn dawn il-prodotti huma mmagazzinati bil-konsegwenza li l-istess utilizzar tal-prodott ikun impossibbli;

vi. Illi ghaldaqstant, anke din l-ahhar eccezzjoni ta’ l-intimat qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

> Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti qed takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:
>
> 1. Tikkundanna lill-intimat Sam Pantalleresco biex ihallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta’ elf disa’ mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu, (LM1,944.39,0), ekwivalenti ghall-erbat elef hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4,529.21), kif fuq indikata dettaljatament;
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mit-3 ta’ Lulju tas-sena 2006.**”**

Il-konvenut jimmotiva l-appell tieghu minn din is-sentenza b’dawn l-aggravji:-

1. Ghal kaz kien japplika l-perijodu preskrittiv a norma ta’ l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili;

2. L-unika problema li kellhom l-i*speed painters* venduti kien li l-isponza bdiet tinqala ghax mill-kumplament il-mekkanizmu kien jahdem perfett. Barra minn dan l-attur kien jaf li qed jixtri prodott bi prezz ferm ridott minn dak tal-valur reali tieghu fis-suq u bhala *ironmonger* kien jaf ezatt x’isarraf il-prodott. Jikkonsegwi illi huwa ma kienx qed jinnegozja in bwona fede;

3. Id-danni kellhom jigi minimizzati u mhux jigi pretiz kull dannu immaginabbli;

4. Il-qliegh pretiz huwa ferm ezagerat;

5. L-azzjoni kienet intempestiva ghaliex l-attur, meta kien jaf bil-problema, ma qallux li seta’ jehodhom lura u anzi zammhom wara li hu kien informah minn fejn seta’ jakkwista l-isponoz ghalihom;

Jirrizulta mill-korp ta’ l-Avviz promotur illi t-talba attrici hi bazata fuq il-kawzali tal-bejgh mhux tal-kwalita` pattwita. Il-provi jissoktaw jistabilixxu illi dan hu kaz ta’ difformita fil-kwalita u mhux ta’ difett mohbi fl-oggett provvdut. Hu orjentament gurisprudenzjali illi “meta l-kwestjoni tkun qeghda taggira ruhha fuq il-kwalita tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli, precizament ghaliex f’dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f’kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u presumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita` tal-haga izda x-xerrej jippretendi illi ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih ghalih inutili” (“**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Gunju, 1943). Il-konsegwenza ta’ dan hi l-inadempjenza tal-kuntratt fil-venditur ghaliex l-oggett minnu mibjugh ma jkunx konformi ghall-ftehim. Ara “**Lorenzo Buttigieg -vs- Henry Hirst *nomine***”, Appell Civili, 16 ta’ Frar, 1945;

Jikkonsegwi minn dan illi l-kwestjoni *de qua* kienet regolata mill-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili relattiv ghal vendita u kunsinna ta’ oggett mhux tal-kwalita miftehma. Ma’ dan l-artikolu hu kombinat l-Artikolu 1407 Kodici Civili li jiffissa l-perijodu preskrittiv ta’ sentejn ghall-proponiment ta’ l-azzjoni. Taht dan il-profil l-ewwel Qorti lanqas ma kienet gustifikata illi tezamina l-punt tad-dekorriment taz-zmien ta’ l-azzjoni mill-perspettiva ta’ l-Artikolu 1431(1), Kodici Civili in kwantu l-*causa petendi* u l-provi kellhom juruha illi l-materja ma kienet ticcentra xejn mal-vizzju redibitorju izda ma’ mankanza tal-kwalita appattwita. L-ewwel motiv ta’ aggravju qieghed konsegwentement jigi skartat;

Riferibilment ghat-tieni motiv ta’ aggravju jibda biex jigi osservat illi hu principju konsolidat illi l-partijiet f’rapport negozjali ghandhom jezegwixxu l-kuntratt ta’ bejniethom bil-bona fede (Artikolu 993, Kodici Civili). Dan fis-sens li

huma jassiguraw illi l-ezekuzzjoni tal-kuntratt issehh f'armonija ma' dak li huma ragonevolment intendew fil-konkluzjoni ta' l-operazzjoni ekonomika ta' bejniethom. Naturalment, wiehed ghandu dejjem jipprezumi li l-partijiet kontraenti huma in bwona fede ghax dan *espressis* hu hekk provvdut fl-Artikolu 532 ta' l-istess Kodici Civili, li jissokta jippreciza illi "min jeccepixxi l-mala fidi ghandu jipprovaha";

Maghdud dan, il-kwestjoni hawnhekk ma kienetx wahda li ghall-valutazzjoni taghha kienet tiddependi minn ezami ta' l-inadempiment ta' l-obbligazzjoni minhabba komportament mhux skond il-bwona fede, izda fil-verifika jekk l-inadempiment kienx dovut ghall-fatt allegat illi l-oggett vendut kien ta' kwalita` difformi ghall-uzu ddestinat. Oggettivament, l-atti istruttorji, fil-kumpless konsiderati, jaghtu dan ir-rizultat u huwa inutili l-istharrig dwar jekk il-konvenut venditur kienx in bwona fede jew l-attur-xerrej kienx in mala fede.  Kieku stess, il-fatt li l-attur appellat xtara l-prodott bi prezz ferm irhas minn dak tas-suq ma jgibx, ghalhekk biss, illi x-xerrej ma kienx in bwona fede. Minn aspett iehor, ukoll fejn il-prezz pattwit ikun wiehed anke notevolment inferjuri ghal valur tal-prodott fis-suq dan ma jirrendix il-kuntratt null ghaliex jibqa' dejjem illi l-prezz kien hemm u, allura, dan l-element essenzjali tal-bejgh ma huwiex nieqes.  F'kull kaz, fil-fattispeci, lanqas ma jista' jinghad li l-prezz kien wiehed merament simboliku jew priv minn valur reali, ukoll tenut kont tac-cirkostanza li l-appellanti ried kemm jista' jkun malajr jiddisponi mill-prodotti li kellu mahzuna ghax kellu bzonn ta' l-ispazju fil-mahzen tieghu u hu ma kienx ghadu jispaccja l-prodott mibjugh lill-appellat.  Ara deposizzjoni tieghu a fol. 29.  Ghall-konsiderazzjonijiet predetti anke t-tieni aggravju qed jitqies bla bazi;

B'introduzzjoni ghat-tielet u r-raba' aggravji, flimkien konsiderati, jigi osservat l-ewwelnett illi r-rizarciment tad-danni spettanti lill-attur-xerrej u ghal liema jirreferi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, hu regolat skond il-principji generali ta' l-inadempiment in kwantu l-obbligu tar-

rizarciment hu bazat fuq ir-responsabilita kontrattwali tal-bejjiegh. Senjatament, l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "d-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma b'mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qliegh li jkun gie imtellef". Abbinati ma' din id-disposizzjoni hemm l-Artikoli 1136 u 1137 ta' l-istess Kodici. Wiehed ragjonevolment jifhem illi dak ikkontemplat mil-ligi bhala danni hu li x-xerrej jitqieghed fis-sitwazzjoni ekonomika ekwivalenti ghal dik li kienet tkun il-qaghda kieku l-oggett minnu mixtri kien tal-kwalita pattwita, u mhux ukoll ghal dik il-qaghda li jkun jinsab fiha meta hu jkun ikkonkluda n-negozju bi prezz inferjuri. Proprju dak mahsub bl-Artikolu 1135 jippresupponi l-prova indizzjarja ta' l-utilita` patrimonjali li x-xerrej seta' jikkonsegwi kieku ma kienx ghal dik ir-raguni tan-nuqqas tal-kwalita` fl-oggett;

Ukoll mill-perspettiva ta' l-Artikolu 1136 Kodici Civili li, skartat l-ghemil doluz, jobbliga lid-debitur ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien ta' l-obbligazzjoni, hi l-enuncjazzjoni tal-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana**, in referenza ghall-artikolu 1225 tal-Kodici Civili Taljan, simili ghal kollox ghal dak ta' l-Artikolu 1136 tal-Kapitolu 16, illi "*la prevedibilita` del danno richiesta dall'art. 1225 c.c. riguarda il danno considerato (non tanto nella sua intrinsica realtà), quanto nel suo concreto ammontare, sì che, ad integrare l'esistenza di tale requisito, non è sufficiente il riferimento ad una astratta prevedibilità del danno stesso, dovendo ritenersi, per converso, che il concreto ammontare del risarcimento non può eccedere l'entità prevedibile nel momento in cui è sorta l'obbligazione inadempiuta*" (**Cass. 17 ta' Marzu 2000, nru. 3102**);

Issa fil-kaz prezenti l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt illi l-attur xtara l-oggetti biex jerga' jbieghhom u, allura, l-ammont tad-danni prevedibbli ma setax ma jkunx f'rapport ma' dak tat-telf tal-gwadann mankat fil-mument ta' l-insorgenza ta' l-obbligazzjoni. Jekk wiehed joqghod ghat-testimonjanza ta' l-attur (ara Affidavit tieghu a fol. 15), fil-waqt tan-negozju, il-konvenut kien insista mieghu li l-

prodotti li kien qed ibeghlu ma kellux ibiegħhom b’ammont anqas minn Lm10. Invece, hu ddecieda li jibda jbieghhom ghall-prezz ta’ Lm5.50. L-ewwel Qorti accettat il-proposizzjoni ta’ l-attur kif dettaljata fil-prospett a fol. 24 tal-process u fejn allura minnu jirrizulta illi dan kien qed jikkalkola l-istess oggett bi prezz ta’ Lm5.75, u mhux ukoll Lm5.50;

Dan premess, jidher li f’materja ta’ danni kontrattwali l-Qrati taghna adoperaw ghal dak li hu telf ta’ qliegh it-teorija tad-differenzjazzjoni bejn il-prezz stipulat u l-prezz tas-suq fiz-zmien tal-konsenja. Ara b’ezemplari d-decizjoni fl-ismijiet “**Anthony Richard Calleja *nomine* -vs- Joseph Debono *proprio et nomine***”, Appell Kummercjali, 4 ta’ Mejju 1953. Naturalment, in kwantu l-Artikolu 1135 succitat isemmi sija t-telf subit sija l-gwadann mankat, id-disposizzjoni ma tistax ma tkunx interpretata u intiza bhala espressjoni ta’ dak il-principju li ma jkunx rizarcit biss il-valur ta’ l-oggett fis-suq izda, ukoll, il-konsegwenzi patrimonjali negattivi kollha li l-inadempjenza ggib fis-sehh. Li jfisser, allura, sija d-dannu emergenti, kif ukoll il-*lucrum cessans*. Dan f’sens reali u mhux semplicement ipotetiku jew dipendenti minn fatturi incerti;

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu skond ir-risposta ta’ l-appell tieghu l-attur qed jippretendi f’din is-sede ir-rifuzjoni tal-prezz minnu mhallas biex xtara l-oggetti. In bazi ghal dak li appena nghad din il-materja setghet tircievi konsiderazzjoni minn din il-Qorti kieku l-attur indenja ruhu jintavola appell incidentali, haga li hu baqa’ ma ghamelx. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax, lanqas kieku trid, tokkupa ruhha minn din is-sottomissjoni u talba ta’ l-attur appellat;

Minn naha l-ohra, jekk kif ukoll sottomess mill-attur appellat, l-ewwel Qorti akkordatlu biss ir-rizarciment tad-danni sofferti fis-sens ta’ telf ta’ profitt, kif hekk jidher li hu l-kaz, allura l-ammont ta’ dawn l-istess danni ma kellhom

qatt jissuperaw il-massimali ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500) in kwantu hu stess iddikjara fil-korp ta’ l-Avviz illi l-kwantum tad-danni aspettati ma kellux jeccedi din il-figura. Effettivament, meta hu stess hadem l-aritmetika (ara prospett a fol. 2) is-somma likwidata fi gwadann mankat kienet dik ta’ elf erba’ mija u sitta u ghoxrin lira u sebghin centezmu (Lm1426.70). Huwa din l-istess somma li kellha ghaldaqstant, u b’ekwita`, tigi rizarcitata u mhux ukoll dik l-ohra skond il-prospett a fol. 24, li, incidentalment, kif mistqarr mix-xhud Accountant Patrick Agius (fol. 26) issostitwixxa dak ta’ qablu fuq invit ta’ l-attur. Huwa dejjem opportun li jigi mfakkar illi hu principju generali siewi f’materja ta’ danni illi min isofrihom ghandu jaghmel mill-ahjar biex inaqqashom u mhux li astrattament izid l-estensjoni taghhom fejn ma tezisti ebda raguni konkreta ghal daqshekk. Huwa f’dan is-sens li s-sentenza ser tigi varjata, skartat wkoll l-ahhar aggravju dwar l-intempestivita ta’ l-azzjoni u li, fuq il-bazi tal-provi ma ghandu assolutament l-ebda fondament.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell salv ghall-ilment dwar l-eccessivita` tad-danni li qed jigu b’din is-sentenza ridotti ghall-ammont ta’ elf erba’ mija sitta u ghoxrin lira, u sebghin centezmu (Lm1426.70) ossija tlett elef tliet mija tlieta u ghoxrin euro, tnejn u tletin centezmu (€3323.32). Huwa f’dan is-sens li s-sentenza qed tigi riformata, b’dan li l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu xorta wahda a kariku tal-konvenut appellanti skond taxxa relattiva bazata fuq is-somma hawn likwidata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------